MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Numru 307/2002

Il-Pulizija
(Spettur Neil Harrison)

vs

Anthony Rapa

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Anthony Rapa ta' karta ta' identita' numru 150769(M) akkuzat talli f'Malta fit-23 ta' Mejju, 1999 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

- xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat li l-valur taghhom huwa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna li jhallas l-ispejjez li ghandhom

x’jaqsmu ma’ l-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li l-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

L-akkuza hija ta’ ricettazzjoni li ghandha bhala elementi:

i. il-provenjenza tal-oggett mill-kummissjoni ta’ reat;
ii. il-fatt ta’ ricettazzjoni;
iii. ix-xjenza tar-ricettatur li l-oggett kellu provenjenza illegittima.

Mill-provi ddelinja dan il-kwadru tal-fatti:

- illi l-imputat instab fil-pussess ta’ kamera tar-ritratti digitali tal-marka Olympus;
- illi l-istess kamera tar-ritratti kienet insterqet mill-hanut ‘Pavia’ ta’ Triq Ordinanza l-Belt minn tlett irgiel ta’ nazzjonalita’ Gharbija kif stqarr l-istess sid il-hanut;
- illi m’ghandux ikun hemm dubbju li l-kamera tar-ritratti meritu din il-kawza hi dik li kienet insterqet minn dan il-hanut u nstabet ghand l-imputat;

Illi l-ewwel zewg elementi huma ghalhekk pruvati. L-imputat difatti meta mitkellem mill-pulizija stqarr li hu kien xtraha minghand persuna ta’ nazzjonalita’ Gharbija, qrib Mejju 1999, meta kien inzerta xoghol gewwa l-istabiliment ‘Footloose’ f’Paceville, u kien gie mitlub u hallas Lm70 ghaliha. Stqarr ukoll illi huwa kien staqsa dwar il-provenjenza u l-persuna kienet qaltlu li kien gabha mieghu minn barra.

Issa, filwaqt li dak li stqarr l-imputat ghandu mill-probabbli u l-verosimili, jigifieri li hu xtraha minn persuna ta’ nazzjonalita’ Gharbija, stante li dwar dan hu konfortat mix-

xhieda ta’ sid l-oggett, hu fatt ukoll indubitat li l-imputat ma kellu x’jaqsam xejn mas-serq, izda daqstant iehor kellu fil-pussess tieghu oggett provenjenti minn serq. Ghalhekk, ir-reita’ tieghu tista’ tissussisti biss u ghandha tigi ricerkata fix-xjenza tieghu dwar li kien jaf jew seta’ kien jaf li l-oggett kellu provenjenza illegittima. Dan tax-xjenza, kostitwenti d-‘dolo’ specifiku tar-reat ta’ ricettazzjoni tista’ tigi dezunta mic-cirkostanzi tal-kaz. Jehtieg ghalhekk li l-Qorti tkun konvinta li l-imputat fil-hin li xtara l-oggett kien almenu ssuspetta li l-oggett kellu provenjenza llegittima u m’ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza anzi deliberatament ghalaq ghajnejh. Fil-kuntest ta’ dan l-unika cirkostanza li talvolta tista’ timplikah hu l-prezz li hallas meta dak iz-zmien l-oggett kien jiswa Lm450 cirka eskluz il-VAT. Ghandu pero’ portata rilevanti li l-kamera in kwistjoni giet ‘estinta’ appena tlett snin wara u li kellha neqsin kemm il-batterija u wkoll ‘l-compact flash card’. Mehud dan kollu in konsiderazzjoni din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat b’daqstant li ssib li t-tielet element ma giex pruvat.

Inghad dan, qeghda konsegwentement, ma ssibx htija u ghaldaqstant qeghda tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------